

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tas-16 ta' Ottubru 2009 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali hija annullata.*
- (2) *L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali hija kkundannata tħallas lil T. Allgeier is-somma ta' EUR 5 000.*
- (3) *Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.*
- (4) *L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għandha tbatl l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż ta' T. Allgeier.*

(¹) ĠU C 260, 25.9.2010, p. 27.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-93/12)

(2012/C 343/39)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: M.-A. Lucas, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' membru tal-persunal bil-kuntratt tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-1 ta' Diċembru 2011 tad-Direttriċi tal-OIL li ma jiġix imġedded il-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent li kien għalhekk skada fil-15 ta' Jannar 2012;
- jannulla sa fejn huwa meħtieġ id-deċiżjoni li tikkonferma din id-deċiżjoni li tirriżulta mill-ittra tas-6 ta' Frar 2012 tad-Direttriċi;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallsu bħala kumpens għadannu lill-karriera tiegħu mill-15 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2012 somma li tikkorrispondi għad-differenza bejn ir-remunerazzjoni netta li huwa kien jistħoqqlu fl-OIL u l-allowances tal-qgħad netti li huwa bbenefika minnhom, smati provviżorjament għal EUR 11 309, u tħallas fismu fl-Iskema

Komunitarja tal-pensjonijiet il-kontribuzzjonijiet li jikkorrispondu għar-remunerazzjoni li huwa kien imissu bbenefika minnha;

- jordna t-tiġdid għal żmien indeterminat tal-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent mal-OIL, b'effett mid-data ta' skadenza tal-kuntratt ta' impjieg attwali tiegħu;
- sussidjament, jikkundanna lill-Kummissjoni tħallsu, bħala kumpens għadannu lill-karriera li jekk le huwa ser iġarrab minn din id-data, id-differenza bejn ir-remunerazzjoni u d-drittijiet għall-pensjoni li huwa kien jikseb li kieku l-kuntratt ta' impjieg tiegħu mal-OIL kien ġie mġedded għal żmien indeterminat u r-remunerazzjoni jew id-dħul ta' sostituzzjoni u l-pensjoni li huwa jista' jibbenefika minnha minn post ieħor;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallsu bħala kumpens għadannu morali li rriżulta min-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu mal-OIL is-somma ta' EUR 5 000
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallsu bħala kumpens għadannu morali li rriżulta fir-rigward tiegħu mill-illegalità tar-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu għas-sena 2010 is-somma ta' EUR 5 000
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-96/12)

(2012/C 343/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla EPSO/AD/207/11 li tikkonferma d-deċiżjoni li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva peress li ma jissodisfax ċerti kundizzjonijiet speċifiċi ta' ammissjoni għall-imsemmija kompetizzjoni u t-talba għadanni.

Talbiet tar-rikorrent

- l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla EPSO/AD/206/11 (AD 5) u EPSO/AD/207/11 (AD 7) tal-1 ta' Ġunju 2012 li tikkonferma d-deċiżjoni tad-9 ta' Frar 2012 li r-rikorrent ma jiġix inkluż fil-lista ta' riżerva tal-kompetizzjoni peress li ma jissodisfax ċerti kundizzjonijiet speċifiċi għall-ammissjoni;

- kif meħtieġ, l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla EPSO/AD/206/11 (AD 5) u EPSO/AD/207/11 (AD 7) tad-9 ta' Frar 2012;
- l-għoti lir-rikorrent tas-somma ffissata *ex aequo et bono* u provviżorjament għal EUR 3 000, għad-danni morali mġarrba;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Il-Kunsill

(Kawża F-98/12)

(2012/C 343/41)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjonijiet li r-rikorrent ma jgħix promoss għall-grad AD12 fil-kuntest tal-proċeduri ta' promozzjoni 2008 u 2009.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjonijiet tal-Awtorità tal-Ħatra li r-rikorrent ma jgħix promoss għall-grad AD12 fil-kuntest tal-proċeduri ta' promozzjoni 2008 u 2009;
- sa fejn huwa meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-6 ta' Ġunju 2012 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent

indirizzat kontra n-nuqqas ta' promozzjoni tiegħu għall-grad AD12 fil-kuntest tal-proċeduri ta' promozzjoni 2008 u 2009;

- jikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2012 — ZZ vs Il-Kumitat tar-Reġjuni

(Kawża F-99/12)

(2012/C 343/42)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: L. Levi, A. Blot, avukati)

Konvenut: Il-Kumitat tar-Reġjuni

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni li tiċħad it-talba tar-rikorrent intiża sabiex il-kalkolu tad-drittijiet tal-pensjoni tagħha ma ssirx skont id-DĠI l-ġodda.

Talbiet tar-rikorrenti

- Prinċipalment, tannulla d-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, tal-1 ta' Diċembru 2011, li tiċħad it-talba tar-rikorrenti tat-13 ta' Lulju 2011, hekk kif kienet ġiet ikkompletata fis-16 ta' Awwissu 2011;
- sa fejn hemm bżonn, tannulla d-deċiżjoni tat-8 ta' Ġunju 2012 li tiċħad espressament l-ilment tar-rikorrenti tal-10 ta' Frar 2012;
- sussidjarjament, tirrikonoxxi d-dannu morali subit u tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tas-somma ta' EUR 20 000;
- tikkundanna lill-Kumitat tar-Reġjuni għall-ispejjeż.